*minkejja li prinċipju ewlieni li għandu jitħaddem fil-mod kif jiġu deċiżi kwistjonijiet quddiem it-Tribunal huwa l-ispeditezza, madanakollu prinċipju daqstant ieħor importanti huwa dak tal-ekwità u l-imparzjalità –fis-sitwazzjoni partikolari, fejn il-provi tal-appellant qua rikorrent kienu diġà magħluqa, il-Qorti tafferma li l-prinċipji tal-ekwità kienu jiddettaw li t-Tribunal ma kellux jiddeċidi li jikkanċella l-kawża minn fuq il-lista kif għamel, tenut kont li l-persuna affettwata minn dan kollu kellha d-diffikultajiet tagħha biex setgħet tivvjaġġa, u meta lanqas l-appellati ma kienu personalment preżenti għas-seduta fejn ġie ordnat il-kanċellament tal-kawża.*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta' Ġunju, 2021

Appell Inferjuri Numru 274/2019/1 LM

**L-Avukat Dottor Stephen Muscat (K.I. 420772M)**
**bħala mandatarju speċjali ta' Safwan Kalih (K.I. 106603A)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **l-Avukat Dottor Stephen Muscat (K.I. 420772M) bħala mandatarju speċjali ta' Safwan Kalih (K.I.**

**106603A)**, hawnhekk 'l-appellant', minn deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar (minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'), tat-22 ta' Jannar, 2021 (minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'), li permezz tagħha, it-Tribunal, wara li kkonsidra l-artikolu 13(a) tal-Kap. 380, u wara li ra li la l-attur u lanqas il-mandatarju tiegħu ma dehru għas-seduta, irriġetta t-talba tar-rikorrent fil-konfront tal-intimati **s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**, hawnhekk 'l-appellati', bl-ispejjeż kontra tiegħu, u wara pproċeda billi kkanċella l-kawża minn fuq il-lista tiegħu.

## Fatti

2. Ir-rikorrent istitwixxa proċedura kontra l-Kunsill Lokali intimat sabiex jirkupra s-somma ta' elf Euro (€1,000) li huwa ħallas lil Roc-A-Go Crane Services Limited għal *towing* u kustodja ta' vettura tal-għamla 'Mazda Demio' targata HBU 107, proprjetà tar-rikorrent, wara li din il-vettura tneħħiet mit-triq fejn kienet ipparkjata, mingħajr ebda preavviż, u dan minkejja li r-rikorrent jgħid li l-vettura kienet ipparkjata kif suppost.

## Mertu

3. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal kontra l-intimati għar-rifużjoni tas-somma ta' elf Euro (€1,000) li huwa kellu jħallas lil Roc-A-Go Crane Services Limited peress li l-vettura tiegħu ġiet irmunkata mit-triq fejn kienet ipparkjata.

4. L-intimati wieġbu li r-rikorrent aġixxa illegalment meta ħalla vettura pparkjata kontra s-sinjali li jindikaw li fil-post fejn huwa ħalla l-vettura tiegħu ma kellux isir parkeġġ. Intqal li r-rikorrent bl-aġir illegali tiegħu, kien l-awtur tad-danni sofferti minnu, u l-unika ħaġa li għamel il-Kunsill Lokali f'dan il-każ kienet li illimita ruħu sabiex legalment jinforza avviż legali.

5. Waqt l-udjenza tal-14 ta' Settembru, 2020, l-avukat difensur tal-Kunsill Lokali intimat irrileva li r-rikorrent naqas milli jidher quddiem it-Tribunal għal tliet seduti, u għalhekk talab il-kanċellament tal-kawża bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti. Din it-talba saret wara li f'dik l-istess udjenza, it-Tribunal kien diġà sema' d-depożizzjoni ta' tliet xhieda. F'dik l-udjenza, it-Tribunal iddeplora l-fatt li t-talba saret wara li nstemgħu tliet xhieda fil-kawża, filwaqt li ċaħad it-talba għall-kanċellament tal-kawża u ddiferixxa l-kawża skont l-artikolu 13(a) tal-Kap. 380 sabiex ir-rikorrent ikun preżenti għad-differiment mogħti.

6. **Paul Spiteri**, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan xehed waqt l-udjenza tal-24 ta' Settembru, 2020 li l-vettura tar-rikorrent ġiet irmunkata għaliex kienu qegħdin isiru xi xogħlijiet ta' kostruzzjoni fit-triq inkwistjoni. Qal li xi żmien qabel kienet saret applikazzjoni lill-Kunsill minħabba li dawn ix-xogħlijiet kienu ilhom ippjanati, u għalhekk inħarġet notifika li ż-żona kienet qiegħda tinbidel *f'tow zone.* Qal li n-notifika li fiż-żona ma jistax isir parkeġġ twaħħlet fuq is-sit, u b'kollox twaħħlu madwar erba' notifiki. Ix-xhud qal li fid-9 ta' Novembru, 2018 ma setax isir parkeġġ, u n-notifika li fit-triq ma setax isir parkeġġ kienet twaħħlet almenu jumejn qabel. Qal ukoll li qabel il-vettura ġiet irmunkata, kien sar rapport lill-Pulizija, u bħala proċedura normalment il-Pulizija jippruvaw jikkuntattjaw lil sid il-vettura, u f'każ li dan ma

jinstabx, jipproċedu bl-irmonk. Ix-xhud qal li f'każijiet bħal dawn il-Pulizija ma tgħaddix dettalji tas-sid tal-vettura lill-Kunsill Lokali għal raġunijiet ta' protezzjoni tad-data.

6. **PS 156 Ivan Attard** xehed li fit-12 ta' Novembru, 2018, huwa kien stazzjonat l-Għassa ta' San Ġiljan, meta daħal rapport minn sid il-vettura targata HBU 107 li din ma kinitx għadha fl-istess post fejn kienet ġiet ipparkjata. Ix-xhud qal li huwa ċċekkja mas-sistema tal-kompjuter u minn hemm ma rriżultalux li l-vettura kienet ġiet *towed.* Sid il-vettura qal li anki minn Transport Malta, ma kien ingħata l-ebda indikazzjoni li l-vettura ġiet irmunkata. Qal li għalhekk għamel rapport li l-vettura kienet ġiet misruqa. Ix-xhud qal li wara li r-rikorrent qallu li kien irċieva telefonata fejn intalab jiġbor il-vettura u jħallas il-multa relattiva, huwa kien reġa' vverifika li ma kien sar l-ebda rapport lill-Pulizija min-naħa tal-Kunsill Lokali. Qal li lanqas il-kollegi tiegħu li jaħdmu fl-istess Għassa ma kellhom informazzjoni li kien daħal xi rapport min-naħa tal-Kunsill Lokali fir-rigward ta' din il-vettura. Żied jgħid li f'dan il-każ it-*towing* tal-vettura sar direttament mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan, u ma kien hemm l-ebda involviment tal-Pulizija f'dan il-każ. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li dak iż-żmien l-uniċi entitajiet li kienu jagħmlu t-*towing* kienu Transport Malta u l-Pulizija, għalkemm qal li ma kienx jaf jekk f'dan il-każ il-Kunsill Lokali kienx awtorizzat jirmonka l-vettura.

7. **Raisa Micallef**, impjegata ma' Roc-A-Go Limited qalet li r-rikorrent ħallas elf Euro (€1,000) sabiex il-vettura setgħet tiġi rilaxxata lura lilu. Qalet li l-kumpannija kienet irċeviet komunikazzjoni mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan li kien hemm vettura pparkjata *f'tow zone,* u kien għalhekk li huma marru biex

jirmunkawha. Ix-xhud qalet li l-uniku rapport li daħal kien min-naħa tal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan, u huma bħala kumpannija tal-irmonk m'għamlu l-ebda kuntatt ma' sid il-vettura. Ix-xhud qalet li l-istruzzjonijiet għall-irmonk tal-vettura ngħataw kemm bit-*telephone* kif ukoll permezz ta' *email,* iżda ma sar l-ebda kuntatt ma' sid il-vettura. Kompliet tgħid li l-vettura damet ħafna fil-pussess tal-kumpannija u għalhekk madwar ġimgħa wara hija għamlet sensiela ta' telefonati lill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan sabiex tara sid il-vettura meta kien sejjer jiġborha. Qalet li l-ħlas li jintalab lis-sid meta dan imur jiġbor il-vettura tiegħu jiġi kkalkolat skont in-numru ta' ġranet li l-vettura tibqa' fil-pussess tal-kumpannija. Kompliet tgħid li f'dan il-każ partikolari kien hemm xi ilmenti, u wara ġie deċiż li l-ammont li kellu jħallas ir-rikorrent kellu jitnaqqas għal elf Euro (€1,000) minn elf, mitejn u erbgħin Euro (€1,240).

8. **Safwan Kalih** fl-*affidavit* tiegħu xehed li fit-8 ta' Novembru, 2018, huwa kien ipparkja l-vettura tiegħu *f'parking bay* fi Triq il-Kbira, San Ġiljan, u kuntrarjament għal dak li xehdu rappreżentanti tal-Kunsill Lokali intimat, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li fiż-żona ma setax isir parkeġġ. Qal li madwar tlett ijiem wara li pparkja l-vettura f'din it-triq, huwa mar biex jiġborha, iżda sab li l-vettura ma kinitx għadha fil-post fejn huwa kien ħalliha. Kien għalhekk li huwa mar l-Għassa ta' San Ġiljan u kkuntattja lil Transport Malta sabiex jara jekk kienx hemm xi indikazzjoni dwar din il-vettura fejn setgħet kienet, iżda l-ebda waħda minn dawn l-awtoritajiet ma setgħet tindikalu x'kien seħħ mill-vettura tiegħu. Qal li għalhekk huwa daħħal rapport mal-Pulizija li l-vettura tiegħu kienet insterqet. Kompla jgħid li għal numru ta' xhur huwa ma sema' xejn mingħand il-Pulizija dwar il-vettura, imma fit-12 ta' Marzu, 2019 huwa

rċieva telefonata li permezz tagħha ġie infurmat li l-vettura inkwistjoni kienet ġiet irmunkata, u għalhekk kellu jmur fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan sabiex jikseb aktar informazzjoni dwar il-vettura tiegħu. Qal li fit-13 ta' Marzu, 2019, huwa mar fil-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan fejn ġie infurmat li kellu jħallas €70.80 bħala *towage fees,* u ġie infurmat ukoll li kellu jħallas €10 għal kull ġurnata tal-kalendarju li fiha din il-vettura kienet fil-pussess ta' Roc-A-Go Crane Services Limited. Qal li b'kollox huwa ħallas €1,000 wara li nnegozja għal tnaqqis fil-prezz mitlub. Ix-xhud qal li huwa qatt ma ġie infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan li l-vettura tiegħu kienet ġiet irmunkata, għaliex li kieku kien jaf kien imur jiġborha qabel u kien jevita li jħallas €1,000.

9. Jirriżulta, mill-verbal tal-udjenza quddiem it-Tribunal tat-22 ta' Jannar, 2021, li fil-mori tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent mar jgħix fl-Iżvezja, u għalhekk ħatar lil Dr Stephen Muscat bħala mandatarju speċjali tiegħu. Mill-verbal jirriżulta li waqt l-udjenza tat-22 ta' Jannar, 2021, it-Tribunal sejjaħ lil Dr Stephen Muscat għal tliet darbiet, iżda dan naqas milli jidher. It-Tribunal, wara li ra l-artikolu 13 tal-Kap. 380, u wara li sema' wkoll li qed issir talba sabiex it-Tribunal ma jagħmilx id-differiment imsemmi fl-ewwel parti tal-artikolu 13(a), u wara li qies li la r-rikorrent u lanqas il-mandatarju tiegħu ma dehru għall-udjenza quddiem it-Tribunal, ikkonsidra li l-artikolu 13(a) tal-Kap. 380 huwa wieħed tassattiv u għalhekk irriġetta t-talba tar-rikorrent bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu, filwaqt li ordna li l-kawża tiġi kkanċellata minn fuq il-lista tiegħu.

**L-Appell**

10. L-appellant ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fil-11 ta' Frar, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... tħassar u tannulla d-deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tat-22 ta' Jannar, 2021 fl-ismijiet premessi, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-Kunsill appellat."*

11. Dr Stephen Muscat nomine spjega li huwa jrid jassumi r-responsabbilità għall-iżvista tiegħu li minħabba fiha naqas milli jidher sabiex jirrappreżenta lill-assistit tiegħu, iżda żied jgħid li fil-fehma tiegħu t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi, u bid-deċiżjoni tiegħu ppreġudika l-jeddijiet tal-appellant. Qal li meta t-Tribunal irriġetta t-talbiet tal-appellant, il-kawża għaddiet in ġudikat, u għalhekk it-Tribunal ma kellu qatt jiddeċiedi l-kawża permezz ta' digriet, kif jidher li għamel, iżda kellu jiddeċiedi permezz ta' sentenza. Kompla jgħid li digriet m'għandux l-istess indoli ta' sentenza, kif jitlob l-artikolu 218 tal-Kap. 12, u żied jgħid li dak li t-Tribunal qies li jammonta għal sentenza, huwa biss digriet, u għalhekk huwa null u għandu jitħassar. Qal li t-Tribunal spjega li kien qiegħed jirriġetta t-talbiet tal-appellant għaliex l-artikolu 13(a) tal-Kap. 380 huwa tassattiv. Żied jgħid li t-Tribunal ta din id-deċiżjoni wara li kompla jisma' l-kawża, iżda sekondi biss wara ddeċieda li għandu jirriġetta t-talba tal-appellant, wara li l-avukat tal-intimati talab għall-istess riġettazzjoni tat-talbiet tal-appellant. L-appellant qal li ladarba l-intimati ma kinux preżenti waqt is-seduta tat-Tribunal, it-talba għar-riġettazzjoni ma setgħetx saret minnu kif jitlob l-artikolu 13(a) tal-Kap. 380. L-appellant qal li ladarba t-Tribunal iddeċieda li jirriġetta t-talbiet tal-appellant wara li kompla jisma' l-

kawża, kien obbligat mhux biss mid-dettami tal-proċedura, imma fuq kollox mill-prinċipji tal-imparzjalità u tal-ekwità, jgħid li kien qiegħed jagħżel li jkompli bis-smigħ tal-kawża u jagħti r-raġunijiet għalfejn.

**Ir-Risposta tal-Appell**

12. Fir-risposta tagħhom l-appellati qalu li l-appell odjern huwa regolat bl-artikolu 8 tal-Kap. 380, li jelenka istanzi limitati u ċirkoskritti meta appell minn deċiżjoni tat-Tribunal jista' jiġi intavolat. Qalu li l-artikolu 8(3) tal-Kap. 380 joħloq dritt ta' appell ġenerali li jiżboq l-appell limitat prospettat fl-artikolu 8(2), peress li l-mertu tal-kawża ma jaqax fil-limiti tal-valur speċifiku msemmi fil-liġi, jiġifieri dak ta' €1,500. Qalu li ladarba l-valur tal-kawża ma jeċċedix l-ammont stipulat mill-liġi, l-appell kellu tassattivament ikun imsejjes fuq l-artikolu 8(2) u mhux 8(3), u komplew jgħidu li filwaqt li l-appellant naqas milli jindika *ai termini* ta' liema sub-artikolu tal-liġi huwa intavola l-appell tiegħu, jidher li dan qiegħed jipprova jinkwadrah fil-konfini tal-artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380.

13. L-appellati saħqu li l-appell huwa null u improponibbli peress li l-appellant qiegħed jallega li t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-ekwità u l-imparzjalità, imma fl-istess ħin ma ġab l-ebda prova waħda in sostenn ta' din l-allegazzjoni. Qalu li dan l-aggravju ġie sollevat biss għaliex il-possibilità li l-appellant jintavola appell hija waħda limitata kawża tal-ammont ta' danni allegati. L-appellati qalu li huwa evidenti anki mill-atti stess li t-Tribunal aġixxa b'mod imparzjali u b'ekwità ineċċepibbli fil-konfront tal-partijiet, iżda huwa

evidenti li l-appellant ma qabilx mad-deċiżjoni tat-Tribunal li jaċċetta t-talba tal-Kunsill appellat *ai termini* tal-artikolu 13(a) tal-Kap. 380. L-appellati qalu li f'dan il-każ l-appellant qiegħed jinsisti li l-kawża kellha tkompli tinstema', u dan minkejja li t-Tribunal kien totalment imparzjali u ekwu fid-deċiżjoni li ħa. Żiedu jgħidu li l-appellant qatt ma sofra min-nuqqas ta' imparzjalità u/jew ekwità, u l-uniku aggravju tal-appellant jidher li huwa li t-Tribunal żamm strettament mad-dettami tal-artikolu 13(a) tal-Kap. 380, ħa deċiżjoni *ai termini* tal-istess, u għażel li ma jkomplix bil-kawża.

14. L-appellati qalu wkoll li l-artikolu 9(2)(a) tal-Kap. 380 jimponi fuq kull min jixtieq jappella minn deċiżjoni tat-Tribunal l-obbligu li jagħti avviż lill-ġudikatur dwar dan meta tingħata d-deċiżjoni, irrispettivament mir-raġunijiet tal-appell. L-appellati qalu li minn qari tal-verbal tal-udjenza tat-22 ta' Jannar, 2021, ma teżisti l-ebda indikazzjoni li d-deċiżjoni kienet ser tiġi appellata, u li in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet dan l-appell għandu jitqies li huwa null u improponibbli.

15. B'riferiment għall-mertu, l-appellati qalu li t-Tribunal mexa skont id-dettami tal-artikolu 13(a) tal-Kap. 380, u applikahom bir-reqqa. Żiedu jgħidu li l-proċeduri quddiem it-Tribunal huma maħsuba biex il-partijiet jiksbu ġustizzja fl-iqsar żmien possibbli, u l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna stabbiliet il-prinċipju li l-artikolu 13 tal-Kap. 380 huwa maħsub sabiex ma jkunx hemm dewmien inutli għaliex it-Tribunal huwa marbut li jiddeċiedi b'sommarjetà u bi speditezza, u huwa għalhekk li l-liġi ħasbet għal x'għandu jagħmel it-Tribunal f'każ ta' assenza ta' parti jew oħra. L-appellati qalu li f'dan il-każ, waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar, 2021, wara li t-Tribunal sejjaħ lill-partijiet u lir-

rappreżentanti tagħhom għal aktar minn darba, u ħa konjizzjoni tal-artikolu 13(a) tal-Kap. 380, għażel li jersaq għall-kanċellament tal-kawża, kif kellu s-setgħa li jagħmel. L-appellati qalu wkoll li it-teżi tal-appellant li l-Kunsill irrinunzja għad-dritt tiegħu li jinvoka l-artikolu 13(a) tal-Kap. 380 għaliex it-Tribunal ħa konjizzjoni tar-rikors tal-appellant seduta stante, m'għandha l-ebda bażi la fil-liġi u lanqas fil-ġurisprudenza. L-appellati qalu li l-fatt li huma ma kinux fiżikament preżenti għas-seduta huwa irrilevanti, għaliex huma kienu rappreżentati mill-avukati difensuri tagħhom, kif isir f'diversi kawżi quddiem it-Tribunal. Qalu wkoll li l-liġi mkien ma tgħid li l-parti intimata f'kawżi bħal dawn għandha tkun preżenti għas-seduta, u għalhekk dan l-aggravju għandu jiġi miċħud. L-appellati qalu wkoll li in vista taż-żmien meta nżammet is-seduta, wieħed irid jikkonsidra li kien hemm fis-seħħ direttiva tal-Kamra tal-Avukati li ħeġġet lill-membri tagħha jinfurmaw lill-klijenti tagħhom li m'għandhomx jattendu għas-seduti fil-bini tal-Qorti, u dan minħabba l-imxija tal-Covid f'pajjiżna.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

16. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju tal-appellant flimkien mas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellati, u dan fid-dawl ta' dak li kkostata u ddeċieda t-Tribunal. L-aggravju ewlieni tal-appellant huwa li t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-ekwità u tal-imparzjalità, meta ddeċieda li jirriġetta t-talbiet tiegħu għaliex huwa naqas milli jidher quddiemu, u b'din id-deċiżjoni t-Tribunal ippreġudika d-drittijiet tal-appellant fi stadju meta l-provi tal-appellant kienu diġà tressqu u ġie dikjarat li kienu ngħalqu.

17. Jirriżulta li waqt l-udjenza tat-22 ta' Jannar, 2021, il-mandatarju speċjali tal-appellant naqas milli jidher quddiem it-Tribunal, u kien għalhekk li t-Tribunal, wara talba li kellu f'dan is-sens mill-avukat difensur tal-appellati, iddeċieda li jikkanċella l-kawża minn fuq il-lista tiegħu *ai termini* tal-artikolu 13(a) tal-Kap. 380, li jipprovdi illi:

> "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita għas-smigħ tal-kawża, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:
>
> (a) Jekk min jagħmel it-talba jonqos li jidher, il-ġudikatur għandu jħalli l-kawża għal data oħra u jekk min ikun għamel it-talba jerġa' ma jidhirx, il-ġudikatur għandu jirriġetta l-kawża u jordna li l-ispejjeż jitħallsu mill-persuna li qed tagħmel it-talba:
>
> Iżda l-ġudikatur m'għandux jagħmel id-differiment imsemmi kemm-il darba l-konvenut jitlob li l-kawża tinstema' dakinhar jew tiġi kanċellata bl-ispejjeż kontra l-persuna li tkun għamlet it-talba."

18. Il-Qorti kkonsidrat ukoll dak li kellhom xi jgħidu l-avukati difensuri tal-partijiet waqt it-trattazzjoni, u tirrileva li l-avukat difensur tal-appellant kien żbaljat fejn qal li t-Tribunal kellu l-obbligu jiddiferixxi l-kawża għal darba oħra, u f'każ li d-darba ta' wara huwa jew il-patroċinat tiegħu jerġgħu ma jidhrux, it-Tribunal jirriġetta l-kawża. Il-Qorti tirrileva li l-*proviso* ta' dan l-artikolu tal-liġi jagħmilha ċara li differiment bħal dan m'għandux jingħata f'każ li l-parti intimata tinsisti jew li l-kawża tinstema' dakinhar, jew inkella li l-kawża tiġi kkanċellata bl-ispejjeż kontra l-persuna li tkun għamlet it-talba, u għalhekk ma jirriżultax li t-Tribunal naqas fil-mod kif applika r-regoli proċedurali għall-proċedimenti odjerni.

19. Imma l-appellant qiegħed jinsisti li d-deċiżjoni appellata kkawżatlu preġudizzju għaliex id-deċiżjoni ma ngħatatx permezz ta' sentenza, iżda permezz ta' verbal li ngħata s-sura ta' digriet, u dan minkejja li dak id-digriet kellu l-effett li l-kawża ġiet deċiża kontra tiegħu. Il-Qorti kkonsidrat li dan id-digriet ingħata wara li t-Tribunal kien diġà sema' tliet xhieda u r-rikorrent kien għalaq il-provi tiegħu quddiem it-Tribunal. Il-Qorti kkonsidrat iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ fejn ir-rikorrent sussegwentement għall-fatti li taw lok għall-proċeduri odjerni, mar jgħix fl-Iżvezja, u ċ-ċirkostanzi partikolari li kienet għaddejja minnhom id-dinja kollha dak iż-żmien, meta l-ivvjaġġar minn pajjiż għal ieħor kien imfixkel mhux ftit minħabba l-imxija tal-Covid-19. Qieset ukoll li minkejja li prinċipju ewlieni li għandu jitħaddem fil-mod kif jiġu deċiżi kwistjonijiet quddiem it-Tribunal huwa l-ispeditezza, madanakollu prinċipju daqstant ieħor importanti huwa dak tal-ekwità u l-imparzjalità. Fis-sitwazzjoni partikolari, fejn il-provi tal-appellant qua rikorrent kienu diġà magħluqa, il-Qorti tafferma li l-prinċipji tal-ekwità kienu jiddettaw li t-Tribunal ma kellux jiddeċiedi li jikkanċella l-kawża minn fuq il-lista kif għamel, tenut kont li l-persuna affettwata minn dan kollu kellha d-diffikultajiet tagħha biex setgħet tivvjaġġa, u meta lanqas l-appellati ma kienu personalment preżenti għas-seduta fejn ġie ordnat il-kanċellament tal-kawża.

20. Il-Qorti qieset ukoll dak li eċċepew l-appellati meta dawn qalu li l-appellant kellu jinforma lit-Tribunal li kien ser jappella mid-deċiżjoni dakinhar stess li t-Tribunal ta d-deċiżjoni tiegħu tat-22 ta' Jannar, 2021. Il-Qorti tirrileva li dakinhar li ngħatat id-deċiżjoni, la l-appellant u lanqas l-avukat difensur tiegħu ma kienu preżenti għas-seduta tat-Tribunal għal raġunijiet li diġà ġew

spjegati, u minħabba f'hekk kien hemm diffikultajiet prattiċi biex l-intenzjoni tal-appellant li kien ser jappella, tiġi mgħarrfa lit-Tribunal. Il-Qorti qieset ukoll li f'dan il-każ, id-deċiżjoni li kkanċellat it-talba tal-appellant ittieħdet permezz ta' verbal li ngħata waqt is-smigħ tal-proċeduri, u ladarba l-appellant ma kienx rappreżentat b'xi mod quddiem it-Tribunal, kien hemm diffikultajiet prattiċi biex dan juri l-intenzjoni tiegħu li jappella mid-deċiżjoni. Għal darb'oħra l-Qorti terġa' tissenjala li d-deċiżjoni appellata kellha tkun mmotivata prinċipalment mill-prinċipju li kwistjonijiet bħal dawn jiġu deċiżi fi spirtu ta' ekwità, ladarba jirriżulta bl-aktar mod paċifiku li l-appellant kien diġà għalaq il-provi tiegħu meta t-Tribunal iddeċieda li jikkanċella t-talba tiegħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet suesposti, il-Qorti tqis li d-deċiżjoni tat-Tribunal tat-22 ta' Jannar, 2021 għandha tiġi mħassra u annullata, u l-kawża għandha tkompli tinstema' fil-mertu. Tordna *ai termini* tal-artikolu 8(4) tal-Kap. 380, il-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża jsir quddiem din il-Qorti.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri jibqgħu riservati għas-sentenza finali.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**